MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1738/2003

**Hal Mann Limited Numru tar-Registrazzjoni C-19917**

**Vs**

**Anthony Baldacchino Numru tal-Karta ta' l-Identita' 901851(M)**

**It-Tribunal,**

**Wara li ra t-talba attrici ghall-hlas ta' Lm306.14 (tliet mija u sitt liri maltin u erbatax il-centezmu) bilanc ta' somma akbar, prezz ta' rham mibjugh u konsenjat.**

**Bl-ispejjes u bl-interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut, fit-3 ta' Novembru, 2003 naqas u ma deherx meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra,**

**Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjes u interessi kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------